MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 140/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Malcolm Micallef)**
**Vs**
**Stephen Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-20 t’April, 2004, f’Ganni Bencini Street, Gzira, w fil-granet ta’ qabel, naqas milli jhares is-sahha w is-sigurta’ tieghu, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jiehdu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragenevolement prattiku u dan ai termini ta’ l-artikolu 7(1) ta’ l-Att 27/2000 Kap. 424.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 7(1) ta' l-Att 27/2000 Kapitolu 424, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta w ikkundannatu ghal multa ta' hames mitt Euro (€ 500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' : li hu gie mixli b' akkuza li hija legalment infondata w allura japplika l-principju : *"nullum crimen sine lege"* u ghax, abbazi tal-provi, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib htija fl-appellant. Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li ghalkemm l-akkuza tghid li saret skond l-art. 7 (1) tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-verita' hija akkuza konfuza, ncerta w thallat id-dmirijiet tal-haddiem ma' dawk tal-principal. Il-lanjanza mhux diretta kontra l-artikolu tal-ligi imma lejn l-akkkuza fl-assjem taghha ghaliex kif dedotta, l-Qorti ma tistax tiddetermina ghall-liema reat jammontaw il-fatti imputati. L-art. 7 (1) jghid li *"Huwa dmir ta' kull **haddiem** li jissalvagwarda s-sahha w s-sigurta' tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir."* B'dana kollu fl-akkuza gew uzati kliem li jaqghu taht l-obbligi **"ta' min ihaddem"** u mhux ta' impjegat.

Dwar it-tieni aggravju jinghid li l-appellant ma kienx jahdem ghal rasu izda kien impjegat mas-socjeta' Polidano Group Ltd. u kien qed jaghmel uzu mill-ingenji tal-istess socjeta'. Hu ma setax jiftah l-*"outriggers"* proprju ghax it-triq kienet ghan-nizla. L-*employer* tieghu ma kienx ipprovdielu mezzi ohra biex jistabilizza t-*truck* oltre l-*"outriggers*". Kien il-principal tieghu li ma wettaq ebda "*risk assessment"*. L-appellant kien ghamel dak kollu li seta',

bl-ghodda li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, sabiex jassikura s-sahha w s-sigurta' tieghu w ta' haddiehor. Hu kien xeghel il-magna tat-t*ruck* biss meta kien fadal l-ahhar tlitt ruzati tal-bricks. Dan ghamlu sabiex ikun jista' jaghlaq il-*"high-up".* Kien il-principal tieghu li naqas ghax ma pprovdiehx b' ingenji w ghodda adegwati ghax-xoghol li kien ser jaghmel kif ukoll naqas li jaddotta l-proceduri kollha rikjesti mill-ligi sabiex jigi evitat korriment tax-xoghol.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tas-16 t' Ottubru, 2008;

Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-Qorti tista' toqghod ukoll fuq ix-xhieda w l-provi tal-Inkjesta Magisterjali li jinsabu fil-process.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti w r-relazzjonijiet tal-esperti fl-inkjesta magisterjali jistghu jigu sintetizzati kif gej :-

**ANTHONY SALIBA**, spettur tal-Awtorita' dwar is-Sahha w Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, xehed li fl-20 t' April, 2004, kien gie msejjah go Gianni Bencini Street, il-Gzira, wara li *delivery truck* bil-*high-up* kien harab ghan-nizla w kisser diversi karozzi kif ukoll xi proprjeta', inkluz *wires*. Ir-ritratti esebiti jirriflettu dak li hu kien ra fuq il-post. Mill-investigazzjoni li kien ghamel, kien irrizulta li l-appellant kien impjegat ma Polidano w kien gie imqabbad biex jaghmel *delivery* ta' diversi vjeggi ta' *bricks*. Kien ghalhekk irriversja t-*truck* tieghu go Gianni Bencini Street, fejn kien hemm *tower crane* li kien qed jiehu t-taghbija minn fuq it-*truck*. Qal li hu kien ingrana r-*reverse gear* bhala prekawzjoni peress li hemm kienet ghan-nizla t-triq. Ghamel il-*handbrake*. Kien ukoll qal lil xi kollega tieghu biex jaghmel seratizz taht wahda mir-roti tat-*truck*. Meta kien kwazi lesta ghax kien fadallu biss tlitt rizati *bricks,* kien tela' fuq it-*truck* u nehha l-ingranagg u hallih biss fuq

il-*handbrake* u s-serattiz u nizel mill-kabina. It-*truck* beda miexi w qabad in-nizla u kisser ghadd ta' karozzi. Meta hu kien kellem lill-appellant, dan ammetta li ma kienx hareg l-*"outriggers"*. Lanqas ma kien instab xi serratiz fuq il-post. Ghalhekk l-Awtorita' hadet passi kontra l-appellant ghax ma hax il-prekawzjonijiet li kellu jiehu.

Ix-xhud qal li l-appellant kien qallu li ma kienx hareg l-*Outrigger*s ghax hu kien qed jaghmel *delivery* w allura ma kienx hemm bzonn li johroghom. Il-wisgha tat-triq kien jippermettilu johroghom. L-appellant qatt ma identifika lill-persuna li suppost kienet ghamlet is-serratizz. Kien zgrana w xeghel il-magna biex jitla' l-*hydraulic,* b' hekk gie fuq il-*handbrake* biss, li mhux suppost. Illi anki s-serratizz mhux adegwat ghax suppost hemm *chock blocks* ghal tal-apposta bhal dawk li jitpoggew taht l-ajruplani. Suppost li ghall-inqas l-*outriggers* ta' quddiem imhargu minnhabba n-nizla biex ikun hemm aktar support.

In kontro-ezami, x-xhud qal li huma akkuzaw lill-appellant bi ksur tal-obbligi ta' l-impjegat. L-appellant kien ilu jahdem b' dak it-*truck* li hu ta' Polidano Brothers madwar tlitt snin. Lill-*employer* tal-appellant ma kienux kellmuh huma. Il-hatt tal-*bricks* ma kienx qed isir bil-*crane* tat-*truck* stess imma permezz ta' *crane* iehor li kien hemm fuq il-post. La ma kienx qed juza l-*crane* tieghu ma kellux bzonn jidhol fit-truck, jizgranah u jqabbad il-magna w jhalliha *"free"* u b' hekk ihalli t-*truck* biss fuq il-*handbrake* f' dik in-nizla w b' dik il-*load* fuqu. L-appellant ma kienx qallu li ried jerga' jpoggi il-*high-up* f' postu.

**PAUL AQUILINA**, addett tal-Employment & Triaining Corporation, ikkonferrma li l-appellant kien impjegat ma Polidano.

Mill-atti tal-inkjesta magistrjali jirrizulta li t-truck habat ma diversi vetturi u anki habat ma xi wires tad-dawl u ghamel herba shiha. (Ara ritratti a fols. 30 sa 64 a tergo).

**L-ESPERT TEKNIKU JOSEPH ZAMJMIT** irrelata li mill-ezamijiet kollha li hu kien ghamel fuq il-Hi-up truck ma kienx irrizulta li l-incident kien sehh minnhabba xi hsara f'

xi sistema tal-istess *truck*, imma ghax it-*truck* kien thalla ghal nizla qawwija maqful biss fuq il-*handbrake*. Ghalkemm il-*handbrake* kien jahdem sew permezz ta' *lever* zghir li jingibed u li jillokkja permezz ta' molla meta jingibed kollu 'l fuq. Meta s-sistema ma tkunx illokkjata sew, ikun possibbli li bl-istess caqlieq u *vibration* tal-vettura, din tigi *released* wahedha u jekk il-vettura tkun ghan-nizla, kif jirrizulta li kienet, it-*truck* jaqleb wahdu ghan-nizla.  Dak li gara sehh minnhabba li s-sistema tal-*handbrake* ma kienetx illokkjata *(engaged)* sewwa w cediet u t-t*ruck* qaleb ghan-nizla w baqa' njiezel xi mitejn metru w oltre l-karozzi li kisser, bil-*jib* imtella "l fuq qaccat diversi *cables* u *wires.*

L-espert Zammit ikkonkluda testwalment hekk :-

*"Fil-fehma tal-esponent ukoll lanqas ma kien il-kaz li din il-vettura tithalla pparkjatha (anke fuq l-emergency brake biss) f' nizla daqstant qawwija bhal ma hija Triq Ganni Bencini u dan meta t-truck kien mghobbi b' taghbija konsiderevoli ta' brikks." …"Fl-incident kien hemm nuqqasjiet ta' responsabbilta' kbira da parti tal-operatur …u cioe; Stephen Buhagiar, li abbanduna l-istess Hi-Up billi nizel mill-gabina w halla l-magna tahdem, li dan ifisser li t-truck kien qed izomm biss fuq is-sistema tal-handbrake, u dan billi la l-magna kienet qed tahdem, ma setghax jithalla ingranat u lanqas ma kient giet operattiva is-sistema tal-brake locking. Lanqas ma kien jirrizulta li dan it-truck kien thalla kif suppost jitpogga fuq l-outriggers meta jkun qed jigi utilizzat il-high up tieghu u kien qed jistrieh biss fuq ir-roti. Liema outriggers kienu ben armati u funzjonabbli. Lanqas ma rrizulta lill-esponent li dan it-truck kien mirfud b' xi sistema anke primnttiva ta' rfid fuq it-tyres tieghu*. (Fol. 68 sa 93).

L-Espert Legali **Dottor David Camilleri** wkoll kien ikkonkluda li l-agir tal-appellant kien negligenti (Fol. 160).

**L-APPELLANT** xehed li hu kien mar b' *delivery* bit-*truck* tal-imghallem. Kien dahal fit-triq bir-*reverse* u nehha l-*high-up* ossia l-*jib* minn-nofs. Ingranah u tefa' l-magna w gibed il-*handbrake.* Kien qal lill-*helper* li kien mieghu, li

nesa x' kien jismu, biex ipoggi serratizz wiehed taht id-*double wheel* ta' wara. Bdew ihottu bit-*tower-crane* li kien hemm fuq il-post. Hu ma kienx uza l-*jib* tat-*truck* biex ihott. Kien nehhieh minn-nofs biss biex ikun jista' jhott, billi tellghu 'l fuq. Dan kien ghamlu meta l-magna kienet ghadha mixghula, ghax magna wahda ghandu. Meta kien baqa' tlitt lizati bricks, l-iehor kien qallu biex inewwillu l-karta tax-xoghoil. Hu tela' fil-kabina, ha l-karta w qal (lilu nnifsu): *"Ha nistartjah, baqa' l-ahhar tlitt lizati, halli nkun nista' nnizzel il-jib."* Mistoqsi ripetutament mill-Qorti jekk ghamilx hekk ghax kien mghaggel, qal li le. Sema tfaqqiegha w ma tahx cans jitla' fil-kabina w it-t*ruck* qabdu bejn il-*van* u t-*truck.* Hu korra w kien fil-perikolu tal-mewt u ghamel tlitt gimghat l-isptar ghax kellu ksur fil-pelvis.

In kontro-ezami, l-appellant qal li kien ilu jahdem ma Polidano xi ghaxar snin, hdax il-sena qabel l-incident, ta' kollox, bir-*ready mix*, bil-*high-ups*, bil-pompa tal-konkos, u b' kollox. Hu kien ra lill-*helper* tieghu ipoggi s-serratizz wara r-rota tax-xellug.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju, jigi rilevat li l-akkuza hi espressament bazata fuq l-artikolu 7 (1) tal-Kap. 424. Issa ghalkemm id-dicitura tal-akkuza nnifisha tibda biex tirriproduci kwazi testwalment il-kliem tal-istess artikolu, pero' tkompli tghid: *"u dan billi nqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u nqastu milli tiehdu l-misuri necessarji sabiex ir-riskju jigi ridott kemm hu ragjonevolment prattiku*."(Sic!) Dan l-ahhar kliem ma jifformax parti mill-artikolu 7 (1), imma jirriproduci dak li jintqal fl-artikolu 6 (2) (e) tal-ligi li jirrigwarda espressament *"il-mizuri li ghandhom jittiehdu **<u>minn min ihaddem</u>**".*

Issa huwa ovvju li rrizulta li l-appellant ma kienx *"employer*" imma impjegat ta' Polidano Group Ltd. u ghalhekk fil-konfront tieghu ma setghet tirrizulta qatt it-tieni parti tal-imputazzjoni. B' dana kollu certament kienet deducibbli fil-konfront tieghu l-ewwel parti tal-akkuza w

cioe' dik li taqra: "…inqast milli thares s-sahha u s-sigurta' tieghek , kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir…"
Ghalhekk l-ewwel aggravju hu fondat biss in kwantu l-Ewwel Qorti kellha targina ir-responsabbilta' li talvolta setghet tirrizulta mhux ghall-akkuza kif dedotta imma biss ghal dik il-parti tal-akkuza appena sottolinejata li taqa' taht l-artikolu 7 (1) li jittratta dwar id-"Dmirijiet tal-haddiema".

Ikkonsidrat;

Li hu car u manifest li f' dan il-kaz l-appellat kien ferm imprudenti meta, f' nizla pronunzjata, nehha l-ingranagg tar-*reverse* li kien dahhal qabel u gab il-magna mixghula *"free"* , meta ma kienx iddeplojja l-*"outriggers"* biex jistabilizzaw it-*truck* u meta hemm dubju serju dwar kemm kien ghamel is-serratizz taht rota wahda tat-t*ruck* li kien mghobbi bil-*bricks,* liema serratizz ma nstabu ebda traci tieghu mill-investigaturi. Kien ovvju li hu kellu jistenna li jhott it-taghbija kollha qabel ma jizgrana il-magna w jixghel l-*ignition* u jerga jinzel mit-*truck* u jhallieh bla driver f' dik in-nizla fuq il-*handbrake* biss meta kien ghadu ma hattux kollu.

Bhala rizultat ta' din is-sekwenza it-truck qabad in-nizla w apparti milli korra serjament lill-istess appellant, ghamel stragi shiha fit-triq billi kisser diversi vetturi kif jidher mil-fotografiji esebiti.

Ghat-*truck* dak il-hin kien responsabbli l-appellant u hu ma jistax jitfa' t-tort fuq l-*employer* tieghu li ma kienx prezenti w li kellu kull dritt li jikkredita lill-appellant b' buon sens bizzejjed li ma jaghmilx dak li ghamel. Minn imkien ma rrizulta xi difett fit-truck jew li l-employer ma forniex lill-appellant bl-ghodda mehtiega, kif gie allegat fir-rikors tal-appell. Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu qed jigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *"ut sic"* u f' kull kaz l-Ewwel Qorti diga' erogat piena ferm eqreb il-minimu tal-multa meta setghet anki erogat piena karcerarja, konsidrata l-gravita' tal-konsegwenzi li rrizultaw mill-agir

inkonsult tal-appellant. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tvarja b' xi mod il-piena miti gja erogata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament biss billi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' dik il-parti tal-akkuza li taqra: *"talli fl-20 ta' April, 2004, f' Ganni Bencini Street, Gzira,  nqast milli thares is-sahha u s-sigurta' tieghek, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir…. U dan ai termini ta' l-artikolu 7(1) ta' l-Att 27/2000,  Kap.424"* u fejn ikkundannat lill-hati multa ta' Euro 500, u tirrevokaha fejn sabet htija ta' dik il-parti tal-akkuza li taqra: *"u fil-granet ta' qabel"* u *"u dana billi inqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u inqastu milli tiehdu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragjonevoment prattiku."*

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------